**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Assistent Kummissarju Martin Sammut]**

**vs**

**Joshua Ebejer**

**Kumpilazzjoni Numru: 1224/10**

**Illum, 27 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joshua Ebejer detentur tal-karta tal-identita` numru 183190M.

Akkuzat talli:

> F'dawn il-Gzejjer, nhar is-6 ta' Awwissu 2009, f'xi hin bejn is-siegha u nofs (01.30hrs) u s-saghtejn (02:00hrs) ta' filghodu, gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'Shadow Lounge' Triq Santa Rita. San Giljan u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Eman Hayman.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidrhilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Eman Hayman jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti (Art. 383 tal-Kap. 9);

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda kwazi netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda kollha u t-tattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq glieda bejn zewg irgiel go post tad-divertiment gewwa San Giljan u cioe` “Shadow Lounge” nhar is-sitta (6) ta’ Awwissu elfejn u disgha (2009) fejn wiehed minnhom u cioe` Eman Haymen garrab griehi gravi b’konsegwenza ta’ daqqa go wiccu allegatament mill-imputat li kkagunat lill-vittma li jgarrab diversi griehi go wiccu senjatament go halqu.

Illi biex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li jekk l-intenzjoni ta’ l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel,

hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara, ghal xi zmien kien hemm dibattitu anke' dwar jekk hux koncepibbli t-tentattiv ta' offiza fuq il-persuna.

Fil-fatt fi kliem il-**Professur Mamo** (Notes on Criminal Law, Vol II, pagna 226) jinghad illi:

> ***« The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible".***

Qed issir ukoll referenza ghad-decizjoni **Il-Pulizija vs Jonathan Gatt** (Qorti tal-Magistrati (Malta), 9.07.2012) fejn gie kkonfermat dan il-punt u ntqal hekk:

> ***"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."***

Illi f'dawn il-proceduri ghandna zewg sitwazzjonijiet fejn il-parte civile Eman Haymen u shabu kienu gewwa dan l-istabbiliment u fejn hu u wiehed mill-hbieb tieghu dahlu gewwa t-*toilet* ta' dan il-post u minn hemmhekk inqala argument verbali bejn il-parte civile u it-*toilet attendant* li kien persuna ta' kulur

iswed fejn il-parte civile allegatament uza xi fwieha minghajr ma' ta *tip*. Dawn bdew jargumentaw, allegatament intqal xi kliem bhal *fucking nigger* mill-parte civile u hemmhekk intervjena l-imputat li kien fit-*toilet* dak il-hin tal-argument.

Illi mix-xiehda bil-gurament tal-parte civile l-incident gara meta dan hareg mill-kamra tal-banju u kien fil-kamra li taqsam il-kamra tal-banju minn gewwa tal-istabbiliment li l-imputat tah daqqa ta' ponn go wiccu. Din il-verzjoni giet kompletament ikkorroborata miz-zewgt ihbieb tal-parte civile Aaron Grech u Trevor Caruana li t-tnejn raw u identifikaw lill-imputat li kien dik il-persuna li tat id-daqqa ta' ponn lill-parte civile.

Illi huwa minnu li l-imputat zamm dejjem l-istess verzjoni illi huwa intervjena fl-argument bejn il-parte civile u t-*toilet attendant* u li qatt ma mess lill-Hayman izda huwa qatt ma kompla din l-istqarrija u ta aktar dettalji tal-incident u dan stante li huwa kien jaf ben tajjeb il-post u l-persuni li jahdmu hemm ghaliex hu stess kien jahdem hemm bhala DJ.

Illi x-xiehda tal-*bouncer* Raymond Portelli ghad-difiza bir-rispett kollu ma tghin xejn ghall-kostatazzjoni tal-fatti stante li dan gie wara l-allegat incident u meta kien hemm hafna nies (li hu jsejhilhom nies ta' kulur u dawn bojod) migburin f'post wiehed.

Illi bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbilx mad-difiza li din kienet kwistjoni ta' rissa izda semplicement ta' incident bejn zewg persuni; inizzjalment bejn tlieta; li spiccat f'aggressjoni.

Illi gie ritenut u stabbilit anke mix-xhieda kollha, illi z-zewg partijiet involuti ma kienux jafu lil xulxin u ghalhekk l-aktar verzjoni possibbli f'dawn ic-cirkostanzi hi li meta l-imputat sema' lill-parte civile jghajjar u jkun arroganti mat-*toilet attendant* u nqala' l-argument verbali, u meta ra li Hayman telaq mill-post u ma tax it-*tip* rikjesta ghall-uzu tal-fwieha, dan infiska u ta' d-daqqa ta' ponn lill-parte civile. Irid jinghad illi dan l-atteggjament tal-parte civile Eman Hayman huwa wiehed ta' min jikkundannah u dan *multo magis* in vista tal-kariga tieghu bhala ufficjal tal-pulizija.

Illi stabbilit dan il-fatt, il-kwistjoni li tibqa' hija rigward in-natura tal-griehi sofferti. Illi minn issa din il-Qorti tiddikjara li ser tiskarta ix-xiehda tad-dentist Dr. Jean Paul Demajo u d-dokumenti pprezentati minnu stante li gialadarba huma *ex parte* kienu biss intizi sabiex juru l-ammont ta' spejjez.

Illi mix-xihehda ta' Dr. Edward Zammit dan xehed li l-parte civile Eman Hayman kellu qasma fil-hanek u sinna nieqsa meta ezaminah dakinhar tal-incident u cioe` ftit sighat wara l-akkadut. Huwa ghalhekk iccertifikah li kien qed isofri minn griehi gravi stante li kien hemm lezjonijiet fil-wicc izda li ma kienx ser ibati minn xi haga permanenti.

Illi din il-Qorti qed tiehu nota wkoll tal-affidavit tal-istess tabib precedentement ipprezentat minnu  (Dok a fol 51) li ghal xi raguni l-klassifikazzjoni tal-griehi subiti kienu hemmhekk hfief (salv kumplikazzjonijiet), izda pero` hija konvinta li dan kien zball genwin fis-sens illi l-kontenut tac-certifikat kien gie riprodott testwalment u jaqbel sija mac-certifikat ipprezentat minnu (fol 22 – Dok EH1) kif ukoll max-xiehda tat-tabib *viva voce* quddiem din il-Qorti.

Inoltre qed jigi riprodott testwalment l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad hekk:

> *L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin -*
> *(a) jekk tista' ġġib periklu -*
> *(i) tal-ħajja; jew*
> *(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
> *(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
> *(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*
>
> ***(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*** (emfazi mizjuda)
>
> *(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*
>
> *(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*
>
> *(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien. . . . »*

Illi ghaldaqstant, gialadarba c-certifikat tat-tabib u stante li l-parte civile sofra griehi f'wiccu senjatament f'halqu, ghandha tapplika d-dizpozizzjoni (b) tal-Artikolu 216 u dan gialadarba ma kienx hemm il-konsegwenzi kontemplati mill-Artikolu 218 tal-istess Att.

Illi tenut dak kollu li ntqal hawn fuq u tenut kont li din il-Qorti thoss illi l-akkuza giet ippruvata, u tenut kont tac-cirkostanzi kif graw, din il-Qorti qed tiddikjara minn issa li mhix ser taghti piena karcerarja u aktar minn hekk ser taghti l-beneficcju lill-imputat ta' piena minima.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 216 (1)(b) tal-Kapitolo 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Joshua Ebejer** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finlament, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**